MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1060/2004

**Michael Farrugia f'ismu proprju ezercitanti l-kummerc bhala Well Made Woodworks
vs
Joanna Farrugia Borg u b'digriet tas-17 ta' Novembru, 2004, giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens illi minflok l-kunjom Farrugia Borg jitnizzel l-kunjom Pisani**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Mejju, 2004, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija (Lm924.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' kcina ordnaata fuq inkarigu taghha minn Well Made Woodworks liema kcina giet konsenjata lilha u dana skond kuntratt iffirmat minnha fl-20 ta' Ottubru, 1999, bl-interessi mid-data tal-ahhar pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-3 ta' Gunju, 2004 fejn gie eccepit :**

**i. In-nullita tat-talbiet attrici stante li ma huwiex sufficentement car min qed jipprezenta l-kawza, u oltre dan Well Made Woodworks ma tikkonfigura mkien bhala socjeta` jew partnership debitament registrata mal-awtoritajiet kompetenti ;**
**ii. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost;**
**iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-bilanc dikjarat mill-attur ma huwiex dovut ;**
**iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma jezisti ebda kuntratt ffirmat bejn il-partijiet fid-data msemmija mill-attur ;**
**v. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost saru diversi pagamenti lill-attur u ghaldaqstant il-premessi u t-talbiet maghmula mill-attur huma inveritieri u frivoli ;**
**vi. Illi apparti l-fatt illi ma jezisti ebda kuntratt datat 20 ta' Ottubru, 1999 bejn il-partijiet, ma ntbaghet ebda att gudizzjarju skond il-ligi u ghaldaqstant it-talba ghall-imghax legali ghandha tigi respinta ;**
**vii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost f'kull kaz ix-xoghol supplit mill-attur kien wiehed inferjuri u mhux tal-kwalita pattwita u ghaldaqstant l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut.**

**Ra l-verbal tal-20 t'Ottubru, 2004 li fih il-konvenuta irtirat l-ewwel eccezzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Michael Farrugia, Kevin Cefai, Dr. Fernando Pisani, Joanna Pisani. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.**

**Ikkunsidra :**
**1. Illi l-kaz in kwistjoni qed isir ghal hlas ta' kcina ordnata mill konvenuta u mahduma mill-attur.**
**2. L-attur huwa mastrudaxxa u kien sar fthiem mal-attrici sabiex jahdmilha kcina u kienet saret ukoll quotation li tinsab esebita bhala Dok MF1.**
**3. Il-kcina kienet ser tiswa elf erba' mija disgha u tletin lira Maltija (Lm1439.00). Il-konvenuta kienet hallset tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) f'depozitu u hames mitt lira Maltija (Lm500.00) ohra f'pagament.**

**4. Skond l-attur apparti mill-kcina mhux inkluza fil-prezz tal-kcina kienet ukoll ordnat mejda, wicc tal-postform, siggijiet u frame ghal mera tal-kamra tal-banju, ghalhekk it-total tela' ghal elfejn u tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm2022.00).**

**5. Skond l-attur huwa kien nizzel il-bilanc ghal tmien mija tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm822.00) biex jipprova jevita li jidhol il-Qorti, pero' l-konvenuta kienet disposta taghtih mittejn lira Maltija (Lm200.00) biss.**

**6. Id-divergenza principali qamet fuq il-fatt illi l-konvenuta riedet kcina tal-pine, fil-waqt illi l-attur ghamilha kcina tal-oak, jekk wiehed jara d-Dok MF1 esebit jirrizulta illi din kellha tkun tal-pine.**

**7. Skond l-attur il-kcina fil-fatt hija tal-pine minn barra u minn gewwa hija contiplus tal-pine. L-attur jghid illi ma hemmx differenza bejn l-oak u l-pine contiplus.**

**8. Il-konvenuta xhedet li sepcifikatament riedet il-kcina tal-pine peress illi din kienet irhas. Meta hija attiratlu l-attenzzjoni dwar dak li kien hemm fuq l-invoice tajt illi l-attur ikkancella l-kelma oak u nizzel pine minfloka, u l-prezz baqa l-istess.**

**9. Dr Ferrnando Pisani r-ragel tal-konvenuta kien prezenti meta sar il-fthiem u skond hu huma riedu kcina tal-pine fil-waqt illi lis-stima saret fuq kcina tal-oak, u l-konvenut kien qallhom li jittranga l-prezz, pero' dan ma trangaxx.**

**10. Kif sew jirrileva l-abli difensur tal-konvenuta l-invoice ma kienetx iffirmata u l-figuri fija ivarjaw konsidirevolment. In oltre t-Tribunal, jaqbel ma sottomissjoni tad-difensur tal-konvenuta illi kien hemm rimbalzi kbar fil-prezzijiet, minghajr ebda spjegazzjoni logika. Huwa minnu illi jidher li l-attur kien qieghed arbitrarjement ibidell il-prezzjiet.**

**11. In oltre jidher illi fil-fatt l-konvenuta kienet hallset lill-attur elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1,400.00) u mhux disgha mitt lira Maltija (Lm900.00) kif itanta jiddikjara l-attur.**

**12. It-Tribunal fl is-sfond ta' dan kollu u aktar u aktar meta iqies id-dikjarazzjoni ta' l-istess attur li ma**

**hemmx differenza bejn pine u oak, iqajjem dubji kbar fil-kredibilita ta' l-istess attur.**
**13. Ghalhekk it-Trinbunal huwa propenss illi jaccetta li fil-fatt il-konvenuta hallset l-ammont ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1,400.00), minn ammont ta' elf sitt mija hamsa u tmenin lira Maltija (Lm1,685.00), dana jhalli bilanc favur il-konvenut ta' mitejn hamsa u tmenin lira Maltija (Lm285.00). Dan il-bilanc jinkludi l-mejda u s-siggijiet u l-affarijiet l-ohra zejda li semma l-attur.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatment fis-somma ta' mitjen hamsa u tmenin lira Maltija (Lm285.00) u jikkundanna lill-konvenuta thallas lil l-istess attur is-somma ta' mitjen hamsa u tmenin lira Maltija (Lm285.00) bl-imghaxijiet legali dekkoribbli mill-lum.**
**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' din lis-stanta ghandhom jigu supportati mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------